MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 146/2014

Appell Nru: 146/2014

Il-Pulizja

(Spettur Trevor Micallef)

Vs

Jason Gatt

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jason Gatt, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 255978M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Marzu 2012 ghall-habta tas-7.30am fi Triq Paceville Avenue San giljan u iktar tard fl-ghassa ta' San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk kontra PS 1273 Kraus Mifsud u PS 1128 Glenn Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz

pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1128 Glenn Sammut, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 1273 Kraus Mifsud u PS 1128 Glenn Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi saq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur numru ta' registrazzjoni BBR 319 tal-ghamla VW waqt li kien qieghed fi triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
5. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom;
8. kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien perjodu ta' Probation Order;
9. li huwa ricediv;

Il-Qorti mitluba li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Marzu, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 96(1), 95 , 221,

338(bb)(dd)(ee), 17(b)(d), 31, 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 15A, 15H(1), u 15H(2) u 15G(4) tal-Kap 65 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Ikkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u multa ta' elf u sitt mitt Euro (1600 Euro). Addizzjonalment tissospendieh minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija u alternattivament u fl-eventwalita' illi l-Qorti ssib htija, tirriformaha kwantu ghall-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi ghas-segwenti ragunijiet:
   1.1 Il- modi ta' kif jista' jsehh ir-reat f'artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, huma t-tliet segwenti xenarji: (1) fejn persuna qieghda ssuq; jew (2) tipprova ssuq; jew (3) ikollha kontroll tal-vettura. Dawn ix-xenarji jridu jinghaqdu mal-element ta' kundizzjoni min naha tal-imputat ta' inkapacita ta' sewqan jew ghal xi hin.
   Dwar l-ewwel Xenarju, huwa pacifiku li l-esponent ma kienx qieghed isuq, u allura dan ix-xenarju ma jistax jigi applikat ghall-kaz in dizamina. A rigward tat-tielet xenarju, u cioe' dik tal-kontroll tal-vettura, dan l-element juri li jrid ikun hemm xi azzjoni tramite liema qed jigi ezercitat xi tip ta' kontroll fiziku fuq il-vettura, bhal perezempju meta wiehed jikkontrolla l-velocita' jew direzzjoni tal-vettura. Peress li l-vettura qatt ma tharrket, u kienet u baqghet parkeggata, dan l-element huwa mankanti. Il-pern tal-vertenza allura tibbaza ruhua fuq it-tieni xenarju kontemplat mill-ligi, li hija dik ta' jekk l-esponent ipporvax isuq, u dan irid ikun flimkien mal-kundizzjoni ta' inkapacita ta' sewqan.
   Skond il-verzjoni tal-pulizija stess, l-imputat kien rieqed meta marru jqajjmuh. Huwa ghalhekk difficli li wiehed li hu rieqed profondament kien fl-istess hin qed jipprova jsuq, anki jekk kellu l-karozza startjata. Anki kieku stess kellu din l-intenzjoni ta' sewqan, ma kienx hemm attenta, l-

izjed li kien hemm huwa att preparatorju (f'dan il-kaz l-istartjar tal-karozza) li mhuwiex punibbli bhall-att ezekutroju. Huwa ghalhekk importanti li wiehed jishaq fuq il-punt li kien rieqed. Ghaldaqstant skond il-verzjoni tal-fatti kif rrapurtati mill-istess pulizija, la kien hemm ir-reat u lanqas kien hemm il-biza li kjien ser isir ir-reat ghax l-imputat kien rieqed, u l-karozza qatt ma bdiet miexja, u l-imptuat stess ma kienx f'posizzjoni li jattwa pjanijiet ta' sewqan perikoluz.

B'danakollu tezisti verzjoni opposta, li hija dik tal-imputat. Hu jghid fl-istqarrija tieghu li kien imqajjem meta gew il-pulizija. Mhux hekk biss, imma kien qed jilghab bil-mobile, u kellu l-karozza startjata ghax kellu intenzjoni li jsuq. Anki kieku kellu intenzjoni, il-fatt li kien qed jilghab bil-mobile turi li din l-intenzjoni ma kienitx immedjata. Jekk wiehed jarha mill-lenti tal-imputat, wiehed jista' mill-ewwel jikkonstata li kien hemm intenzjoni ta' sewqan. Imma f'dan il-kaz l-element ta' nkapacita' li jsuq sew kif rikjesta mil-ligi mhijiex hemm. Dan ghaliex l-imputat qatt ma cahad li ha xi drinks, imma jghid ukoll li raqad minn cirka s-siegha sas-sitta ta' filghodu. Ghalhekk, skond il-verzjoni tal-imputat, jekk seta' kien hemm cans biex isehh l-allegat reat, dan kellu jsir fis-siegha ta' filghodu, direttament wara l-hames birer, u mhux fis-sitta ta' filghodu meta qam minn raqda ta' hames sieghat cirka u beda juza l-mobile.

1.2 A rigwrd li attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza, jew hebb kontra persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku b'mod li ma titqiesx vjolenza pubblika (Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta); kif ukoll li ngurja jew hedded persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku (artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), wiehed jista' jinnota li hemm wisq inkonsistenzi fix-xhieda moghtija mill-pulizija. Sahansitra ma jaqblux min kienu l-pulizija presenti meta marru jqajmuh. Mix-xhieda tal-pulizija, johorgu zewg kontradizzjonijiet lampanti:

L-ewwel wahda hija min kienu l-pulizija li rrispondew ghat-telefonata anonima u marru jivverifikaw l-allegat reat. Di fatti, PC741 Keith Vassallo jghid li kien hu, u PS 1128 (Glenn Sammut) li kienu marru fuq il-post fejn kienet ipparkjata l-karozza, u cioe' Triq Paceville, u li wara nizzlu l-esponenti l-Ghassa. Ghall-kuntrarju, PS1128 Glenn Sammut inveci jghid fix-xhied teighu li ra lil Jason Gatt l-ewwel darba fl-ghassa ta' San Giljan. Ta min wiehed jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li dan ma kienx xi reat fejn kien hemm xi hafna pulizija involuti, b'xi team tal-forensika fuq il-post tal-karozza pparkjata. F'dan il-kaz tal-ahhar, huwa naturali li b'dak li vai vai ta' nies u esperti, ikun hemm incertezza ta' min hu prezenti fuq is-sit. Minflok, fil-kaz de quo kienu biss zewg pulizija li marru fuq il-post.

It-tieni kotnradizzjoni hija illi PC 741 Keith Vassallo xehed in kontroezami li Jason Gatt gie immanettjat kif kien niezel mill-karozza tal-Pulizija, u

meta mistoqsi jekk dahalx l-Ghassa mmanettjat, huwa kien taht impressjoni li hekk dahal.

Illi l-probbabilita' hija li jekk kien niezel mill-karozza tal-pulizija u gie immanettjat, huwa al kwantu improbabbli li l-manetti gew imnehhija fuq l-ghatba tal-Ghassa, b'mod li gew utilizzati biss ghat-tragitt qasir bejn il-karozzza u l-ghatba tal-bieb;

Illi nonostante din l-asserzjoni ta' Keith Vassallo, PS 1273 Kraus Mifsud jaghti verzjoni ohra fejn jixhed li Jason Gatt gie mmanettjat gewwa l-Ghassa wara l-allegat incident fejn kien ser ihebb ghal PS1128 u hu (cioe' Kraus) iccattja l-imputat mal-hajt;

Hija difficli hafna li wiehed li huwa mmanettjat jipprova jhebb ghall-pulizija u jaghti daqqa ta' ponn kif allegat.

Anke jekk Keith Vassallo ghamel zball, u ma kienx immanettjat meta dahal l-Ghassa, hemm dubji ta' meta gie mmanettjat gewwa l-Ghassa, peress li x-xhieda tal-Pulizija ma jikkombaccjawx. Klaws jghid li gie mmanettjat sakemm kienu qed idahhluh fic-cella, ghax kien vjolenti hafna. Glenn Sammut jghid imma li meta dahhluh fic-cella, kaxkarhom mal-hajt. Huwa difficli li wiehed immanettjat ikaxkar ammont ta' pulizija mieghu.

Di fatti Glenn Sammut jghid: "Dak il-hin bdjena nippruvaw inzommuh u beda jzommu minn wara s-surgent l-iehor, beda jxejjer idejh u kaxkarna mal-hajt tal-ghassa. Imbghad kif dahhalnieh lejn ic-cella, kaxkarna mal-hajt tac-cella wkoll."

Fuq dan il-punt tigi mistqosija natural ghal kull min qatt ra l-appellant, u din hi kif jista' jkun li l-appellant irnexxielu jkaxkar zewg pulizija mal-hajt ta' ghassa u ma hajt ta' cella, met tiehu kont l-istatura tieghu, li huwa ta' statura mejda, kwazi tista' tghid fuq il-qasir, u li huwa rqiq hafna?

Fuq kollox, dan l-incident tal-attakk fuq il-pulizija jikkontrasta mal-qaghda ta' ubriakezza tal-imputat kif qeghdin jallegaw. Jekk dan kien fi stat ta' ubrijakezza soporifera daqshekk gravi li kien rieqed/mixhut, huwa improbabbli li mbghad f'salt wiehed sab is-sahha li jhebb ghall-pulizija bil-mod deskritt. Allura, tigi naturali l-konkluzjoni li l-impuat ma kienx fi stat daqshekk ubriak kif allegat mill-pulizija, u allura jekk ma kienx ubriak taqa' l-akkuza tal-pulizija ghas-sewqan perikoluz.

1.3 Dwar l-offiza hafifa fuq il-persuna (artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), jiddependi jekk kienx hemm il-kollutazzjoni hekk deskritta. Huwa pacifiku li kien hemm xi forma ta' kollutazzjoni bejn il-partijiet. B'danakollu, hemm zewgt verzjonijiet ta x' gara. Skond il-pulizija involuti, l-imputat hebb ghalihom. Skond l-imputat, il-pulizija tawh xebgha. PS 1128 Glenn Sammut juri abbrazzjoni barxa f'idejh in prova tal-kollutazzjoni li kellu mal-imputat, filwaqt li l-appellant jissottometti ritratti ta' tbengil in prova tax-xebgha li qala'.

B'danakollu, bhal ma inghad aktar il-fuq, il-verzjoni tal-pulizija ma tregix. Manettjat jew le, u l-inkongruenzi fil-fatt tal-mmanettjar diga' gie diskuss aktar il-fuq, jibqa' l-fatt li persuna tal-istatura tal-imputat (li ma jistax jigi deskritt bhala persuna mibnija jew ta' xi sahha straordinajra) kaxkar zewg pulizzjotti flimkien mal-hajt tal-ghassa, u rega' kaxkarhom f'daqqa mal-hajt tac-cella din id-darba immanettjat, go ghassa mimlija pulizija (ghax kien ghadu kif sar omicidju) hija infattibbli. Jekk tghaqqd ma dawn il-fatti, li dan kien bniedem allegatament f'sakra ma jarax art, huwa izjed improbabbli li zviluppa din is-sahha sovra-umana.
Huwa iktar fattibbli li l-Pulizija ipprovaw izommuh u uzaw certa sahha meta pprotesta. Difatti, gie carament stabbilit mix-xhieda ta' PS Glenn Sammut stess li l-abrazzjoni li kellu kien accident. Hu jghid li meta, allegatament, ipprova jrazzan l-imputa, idu harbet minn ma l-idejn tal-imputat u "tkaxkret mal-hajt", li huwa hajt fejn facilment tista' tigref idejk ghax mhuwiex mizbugh jew imkahhal. Dan juri li kien incident minn-naha ta' PS Glenn Sammut mal-hajt tal-Ghass, u mhux xi att da parti l-imputat biex iwegga' lill-imsemmi pulizija. Jekk vera hebb ghall-Pulizija b'dik is-sahha sovra-umana, bl-ghan li jweggaghhom kemm jista' jkun, hemm in-ness necessarju rikjest mill-artikolu 221 ta' xi volonta' minn naha tal-imputat biex iwegga l-pulizija. Izda l-fatt li kien incident, meta l-pulizija jipprova jsikket l-imputat u zelqitlu idejh, mhijiex xi prova tal-imputat ta' animus nocendi. Bla animus nocendi, wiehed irid jara jekk hemm kaz ta' causus jew ta' culkpa, imma certament mhux dolo. F'dan il-kaz, a bazi tas-sudett evidenza dubjuza, l-izjed li tista' tinstab hija culpa/ Hemm artikoli tal-ligi li jikkontemplaw dan, notament l-offiza involontarja fuq il-persuna (artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta).

2. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti kellha ssib il-htija ta' whud mill-imputazzjonijiet, din il-piena kellha tkun aktr miti biex tirrifletti c-cirkustanzi fuq deskritti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fis-sbatax (17) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) cirka s-sebgha u nofs ta' filghodu (7.30 a.m.) sar rapport anonimu lill-pulizija tal-ghassa ta' San Giljan illi kien hemm persuna illi dehret mitluqa f'vettura ipparkeggjata liema vettura kellha l-magna taghha mixghula. Il-pulizija marru jinvestigaw u irrizultalhom il-persuna rieqda fil-vettura bil-magna taghha mixghula. Il-pulizija qajjmu din il-persuna li sussegwentement irrizulta illi kien l-appellant u meta harget mill-vettura irvellat fis-sens illi bdiet tghajjat meta l-pulizija infurmawha illi kien ser isirilha t-test tan-nifs. Il-persuna giet eskortata l-ghassa ta' San Giljan. X'gara hawnhekk hu suggett ta' kontroversja peress illi l-pulizija jghidu illi l-appellant agreddixxa lil PS 1273 Craus

Mifsud u wkoll lill-PS 1128 Glen Sammut li garrab girfa f'idejh meta l-appellant deher li se jhebb ghalih.

L-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat b'sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 217) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena kif ukoll multa ta' elf u sitt mitt ewro (€ 1,600) u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sitt xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif ukoll tal-ipotesi tal-ligi meta sabet lill-appellant hati.

Ikkunsidrat:

L-argument tal-appellant idur fuq il-fatt illi huwa kien rieqed fil-karozza u ma kienx qed isuqha. Veru illi l-pulizija xammew rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi kien taht il-kontroll tal-karozza la ma kienx qed isuq. Il-pulizija stess ma jaqblux bejniethom u ghalhekk hemm konflitt fil-provi li ghandu jmur favur l-akkuzat. Fi kwalunkwe kaz kienu l-pulizija illi attakkaw lilu u mhux vice versa.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda prodotta u bhall-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda tal-pulizija hija aktar veritiera minn dik tal-appellant. Jidher illi l-appellant kien mal-ewwel aggressiv fil-konfront tal-pulizija hekk kif avvicinawh hdejn il-karozza li fiha kien rieqed bil-magna startjata u sekemm kienu ghadhom fit-triq lejn l-ghassa jidher illi l-appellant kien digà qed jimmanifesta certa attitudni b'hafna ghajjat u strobju. Kien biss gol-ghassa meta gie suggerit li jsir il-breathalyzer test illi l-appellant donnu irvilla u qam biex ihebb ghal PS 1128 Glen Sammut, dana fost hafna ghajjat, storbju u theddid fil-konfront taz-zewg pulizija PS 1273 Craus Mifsud u PS 1128 Glen Sammut, dan tal-ahhar jispicca b'ferita hafifa f'idejh.

L-appellant ikkontesta ukoll ir-raba' akkuza peress illi ma saritx il-prova illi kien qed isuq il-vettura bil-mutur peress illi huwa kien ghadu rieqed fiha meta gew il-pulizija. Bir-rispett il-Qorti jidhrilha illi anke din l-akkuza giet ippruvata. Fil-fatt veru li l-appellant kien rieqed fil-karozza però din kellha l-magna startjata u l-istess appellant fl-istqarrija moghtija lill-pulizija qal "startjata ghax kont ser insuq ...". Jekk hemm xi hadd li ma tax verzjonijiet kostanti f'din il-vicenda kien proprju l-appellant fejn l-ewwel jghid illi kien rieqed izda qam u kien se jistartja l-vettura, imbaghad jghid illi kien qieghed jilghab bil-mobile bil-magna startjata. Fi kwalunkwe kaz il-fatt illi kien qieghed wara l-isteering bil-magna startjata tfisser illi huwa kellu l-kontroll tal-

vettura. Huwa immaterjali jekk il-vettura kienitx in motion jew le. Darba kellu l-magna startjata u kien wara l-isteering, allura huwa qed jassumi l-kontroll tal-vettura u stante r-reazzjoni tieghu meta gew il-pulizija turi bic-car illi l-appellant ma kienx f'kondizzjoni li jsuq f'dak l-istat.

Ġie ippruvat ukoll illi dak il-hin u cirkostanzi l-appellant qal kliem oxxen u indicenti dirett lejn il-pulizija u volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju. Meta kienu l-ghassa mbaghad l-appellant ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom billi anke hin minnhom aggredihom b'mod vjolenti.

Irrizulta ukoll illi kiser ordni tal-Qorti fi zmien perjodu ta' probation order li kien recediv.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux normali illi f'dawn ic-cirkostanzi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------